Nru. 18,324
Prezz/Price
€0.37

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 16 ta' Ottubru, 2008
Thursday, 16th October, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 888

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, b'seħħ minn nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Ottubru 2008, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Il-15 ta' Ottubru, 2008
(OPM 1/2008/II)

Nru. 889

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

REGOLAMENTI TAL-2006 DWAR BORD TA' SORVELJANZA DWAR IS-SANZJONIJIET (A.L. 327 TAL-2006)

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 3 tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, u regolament 2 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (A.L. 327 tal-2006), il-Prim Ministru stabbilixxa l-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet kif muri hawn taħt:-

Chairman
Is-Sur Charles Inguanez, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Membri
L-Avukat Ġenerali jew Dott. Donatella Frendo Dimech

GOVERNMENT NOTICES

No. 888

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of the Prime Minister, with effect from Wednesday, 15th October 2008, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

15th October, 2008

No. 889

NATIONAL INTEREST (ENABLING POWERS) ACT (CAP. 365)

SANCTIONS (MONITORING BOARD) REGULATIONS, 2006 (L.N. 327 OF 2006)

Sanctions Monitoring Board

IT is hereby notified that, in terms of article 3 of the National Interest (Enabling Powers) Act, and regulation 2 of the Sanctions (Monitoring Board) Regulations, 2006, (L.N. 327 of 2006), the Prime Minister has established the Sanctions Monitoring Board as indicated hereunder:-

Chairman
Mr Charles Inguanez, Ministry of Foreign Affairs

Members
The Attorney General or Dr Donatella Frendo Dimech

Is-Sinjura Vanessa Frazier, Direttorat għall- Affarijiet tad-Difiża, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Is-Sur Mario Caruana, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Is-Sinjura Audrey Callus Randich, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Is-Sur Saviour Farrugia, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Is-Sur Jesmond Cutajar, Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Mario Brincat, Dipartiment tad-Dwana, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Is-Sur Stephen Galea, Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 863 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,321 tal-10 ta' Ottubru, 2008.

Is-16 ta' Ottubru, 2008

Ms Vanessa Frazier, Defence Matters Directorate, Office of the Prime Minister

Mr Mario Caruana, Ministry for Justice and Home Affairs

Ms Audrey Callus Randich, Ministry of Finance, Economy and Investment

Mr Saviour Farrugia, Trade Services Directorate, Ministry of Finance, Economy and Investment

Mr Jesmond Cutajar, Central Bank of Malta

Mr Mario Brincat, Customs Department, Ministry of Finance, Economy and Investment

Mr Stephen Galea, Malta Financial Services Authority

This Government Notice supersedes Government Notice No. 863 published in the Government Gazette No. 18,321 of the 10th october, 2008.

16th October, 2008

Nru. 890

KUMMISSJONI DWAR L-IMPIEGI

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 784 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,309 tas-16 ta' Settembru 2008, ngħarrfu b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-ħatra ta' Dott. Francesco Depasquale bħala Membru tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi għandha tkun meqjusa bħala annullata.

Is-16 ta' Ottubru, 2008
OPM/413/74

No. 890

EMPLOYMENT COMMISSION

WITH reference to Government Notice No. 784 published in the Government Gazette No 18,309 dated 16th September 2008, it is hereby notified for general information that the appointment of Dr Francesco Depasquale as Member of the Employment Commission is to be considered as withdrawn.

16th October, 2008

Nru. 891

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Daniela Grech, LL.D. bħala Nutar Delegat tal-Atti tan-Nutar Dott. Mark Anthony Sammut, LL.D. sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-7 ta' Ottubru, 2008 sal- 5 ta' Novembru, 2008.

Illum, 14 ta' Ottubru, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 891

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Daniela Grech, LL.D. to be Notary Delegate for Notary Dr Mark Anthony Sammut, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 7th October, 2008 till the 5th November, 2008.

This, 14th day of October, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 892

PROSPETT

ĦRUĠ TA' €50,000,000
(i) 5.1 FIL-MIJA *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2014
(IT-TIELET ĦRUĠ) *FUNGIBILITY ISSUE*
jew
(ii) 5 FIL-MIJA *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2021
(L-EWWEL ĦRUĠ) *FUNGIBILITY ISSUE*
jew
(iii) F'AMMONTI MIŻ-ŻEWĠ *STOCKS* IMSEMMIJA B'VALUR NOMINALI FLIMKIEN TA' €50,000,000
(Suġġett għal Dritt li jiżdied l-i*stock* kif deskritt aktar 'l isfel)

Awtorizzat skond l-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi 2008 (Att Nru. XXXII ta' l-2007) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. APPLIKAZZJONIJIET

a. Applikazzjonijiet jiftħu t-Tnejn 20 ta' Ottubru, 2008 fit-8.30 a.m. u jagħlqu fil-ħinijiet u d-data kif hawn taħt, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General:*

(i) fil-5.00 p.m. l-Erbg]a 22 ta' Ottubru, 2008 għall-applikazzjonijiet minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien li ma jeċċedux €100,000 kull persuna,
(ii) f'nofsinhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru, 2008 għall-applikazzjonijiet li jkunu magħmulin f'offerti b'irkant taħt paragrafi 1 (e) u (f).

b. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' €100 fuq il-formola preskritta.

ċ. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati.

d. Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux €100,000 kull persuna f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, ikunu bil-prezz li jiġi stabbilit għal kull *Stock*. Il-prezz għal kull *Stock* jiġi notifikat lill-Borża ta' Malta u jiġi ippubblikat fil-gazzetti lokali tlett ijiem qabel jiftħu l-applikazzjonijiet. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €100,000, imma ma jeċċedux il-€500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, ikunu

No. 892

PROSPECTUS

ISSUE OF €50,000,000
(i) 5.1 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2014
(THIRD ISSUE) FUNGIBILITY ISSUE
or
(ii) 5 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2021
(FIRST ISSUE) FUNGIBILITY ISSUE
or
(iii) ANY COMBINATION OF THE ABOVE TWO STOCKS SHALL IN THE AGGREGATE BE €50,000,000
(Subject to an Over-Allotment Option as described below)

Authorised under the 2008 Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No XXXII of 2007) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. APPLICATIONS

a. Applications open at 8.30 a.m. on Monday, 20th October, 2008 and close on the time and dates as hereunder, or earlier at the discretion of the Accountant General:

(i) at 5.00 p.m. on Wednesday 22nd October, 2008 for applications by any single and/or joint applicants which in the aggregate do not exceed €100,000 per person, and
(ii) at 12:00 (noon) on Friday 24th October, 2008 for applications in the form of sealed bids (auction) under paragraphs 1 (e) and (f) below.

b. All applications are to be made in multiples of €100 on the prescribed form.

c. Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Services Providers.

d. Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed €100,000 per person in either or each of the two Stocks, shall be at a price to be established for each Stock. Such Offer Price for each Stock will be announced to the Malta Stock Exchange and published in daily local newspapers three (3) days prior to opening of the Applications. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e. Applications by any single applicant, which in the aggregate are over €100,000, but do not exceed €500,000 in either or each of the two Stocks, shall be in the form of

magħmulin f'offerti għal minimu ta' €100,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' €500,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

ġ. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti t-Teżor, il-Furjana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

ħ. Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu ffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

i. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem '*Nominee* a/c' u/jew '*Clients* a/c' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identità tal-klijenti rispettivi tagħhom.

j. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*: L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-Offerti b'irkant jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru bil-prezz stabbilit għal €100 nominali jkunu ġew eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu (1d) tkun aktar milli jkun hemm, l-allokażjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata għal kull *Stock* minn aktar minn applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont ta' l-offerti għal kull *Stock* rispettiv. L-ammonti ta' kull *Stock* li jiġu allokati lill-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom kienet magħmula f'offerti b'irkant, jiġu mgħarrfa sagħtejn wara immedjatament l-ħin ta' l-għeluq ta' l-offerti b'irkant.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

3. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' €15,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont tas-somma li għandha tingħabar.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet, li ma jiġux allokati għal

sealed bids for a minimum of €100,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f. Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed €500,000 in either or each of the two Stocks, shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of €500,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h. Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

j. All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY: Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at the Offer Price per €100 nominal are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph 1d, allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made for each Stock.

c) Bids at the last rate accepted for each Stock, by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids for each respective Stock. The allotment results of each stock to applicants whose applications are in the form of sealed bids (auction) will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

3. OVER-ALLOTMENT OPTION

The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of €15,000,000.

Refunds of applications, which are not wholly allotted,

kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

4. ĦLAS TA' *DIVIDENDI* (IMGĦAX)

a) Id-*dividend (*mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura

(i) fis-6 ta' Jannar u fis-6 ta' Lulju ta' kull sena waqt il-kors ta' 5.1 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (III),

(ii) fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' 5 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I).

b) (i) Fil-każ ta' 5.1 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014(III), l- ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn 29 ta' Ottubru 2008 u l-5 ta' Jannar 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-6 ta' Jannar 2009.

(ii) Fil-każ ta' 5 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) l- ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn it-29 ta' Ottubru 2008 u s-7 ta' Frar 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-8 ta' Frar 2008.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

5. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' kull *Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

6. FIDWA TA' STOCK:

(i) Fil-każ ta' 5.1 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (III) għandu jiġi mifdi b'parita' fis-6 ta' Lulju, 2014.

(ii) Fil-każ ta' 5 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) għandu jiġi mifdi b'parita' fit-8 ta' Awissu 2021.

7. SIGURTÀ: L-*iStock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

8. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex kull *Stock* rispettiv ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) (i) Fis-7 ta' Jannar 2009, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax ta' l-i*Stock* muri fl-4(b) (i) dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti ta' 5.1 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta'

will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

4. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrear on the:

(i) 6th day of January and the 6th day of July during the tenure of the 5.1% Malta Government Stock.2014 (III); and

(ii) 8th day of February and the 8th day of August during the tenure of the 5% Malta Government Stock 2021 (I).

b) (i) In the case of 5.1% MGS 2014 (III), the first pro-rata payment covering the period from the 29th October 2008 to the 5th January 2009 (both dates included) will be made on the 6th January 2009;

(ii) In the case of 5% MGS 2021 (I), the first pro-rata payment covering the period from the 29th October 2008 to the 7th February 2009 (both dates included) will be made on the 8th February 2009.

c) Payment of dividend (interest) for both Stocks will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

5. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the respective existing Stock.

6. REDEMPTION OF STOCK:

(i) The 5.1% MGS 2014 (III) shall be redeemed at par on the 6th July 2014.

(ii) The 5% MGS 2021 (I) shall be redeemed at par on the 8th August 2021.

7. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

8. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) (i) On the 7th January, 2009, after the payment of the first dividend, the Stock at 4b(i) will be integrated with the existing issue 5.1% Malta Government Stock 2014(III) and

Malta 2014 (III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(ii) Fid-9 ta' Frar 2009, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax ta' l-i*Stock* muri fl-4(b) (ii) dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-iStock eżistenti ta' 5 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

9. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi 2008 (Att Nru. XXXII tal-2007), l-Ordinanza dwar Self Lokali (Stock u Titoli Reġistrati), Kap.161, u direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

Is-16 ta' Ottubru, 2008

shall thereafter both be deemed to be one Stock.

(ii) On the 9th February, 2009, after the payment of the first dividend, the Stock at 4b(ii) will be integrated with the existing issue 5% Malta Government Stock 2021(I) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

9. RELEVANT LEGISLATION: The 2008 Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. XXXII of 2007), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directive by the Minister of Finance, the Economy and Investment under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

16th October, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 112

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Il-Baħrija)

Nhar it-Tnejn, it-3 ta' Novembru 2008 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: is-Sajf ta' San Martin, Dun S. Bianco u Misraħ Patri Martin Caruana, O.P.

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru 2008 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: is-Sajf ta' San Martin, Dun S. Bianco u Misraħ Patri Martin Caruana, O.P.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Novembru 2008 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Patri Tumas Xerri, il-Qastan (il-parti l-ġdida), it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P., is-Sajf ta' San Martin u Dun S. Bianco.

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Novembru 2008 bejn is-6.00 a.m. u s-6.00 p.m. minn Misraħ Patri Martin Caruana O.P.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ottubru, 2008

POLICE NOTICE

No. 112

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Baħrija)

On Monday, 3rd November 2008 between 5.00 p.m. and 7.00 p.m. through the following streets: is-Sajf ta' San Martin, Dun S. Bianco and Misraħ Patri Martin Caruana, O.P.

On Friday, 7th November 2008 between 5.00 p.m. and 7.00 p.m. through the following streets: is-Sajf ta' San Martin, Dun S. Bianco and Misraħ Patri Martin Caruana, O.P.

On Saturday, 8th November 2008 between 5.00 p.m. and 7.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Patri Tumas Xerri, il-Qastan (new part), it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P., is-Sajf ta' San Martin and Dun S. Bianco.

On Sunday, 9th November 2008 between 6.00 a.m. and 6.00 p.m. through Triq Misraħ Patri Martin Caruana O.P.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th October, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 113

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Ottubru 2008 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: W. Baker, il-Kappillan, il-Lunzjata, R. Caruana, San Ċiro, il-Mina, il-Kbira sal-Każin tal-Banda.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Ottubru 2008 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: G. Cassar, San Mark, il-Kbira, W. Baker sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 mit-tarf ta' Ħal Safi sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 fl-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Ċiro, Bettina, J. Pace, Santa Katerina, R. Caruana, W. Baker, R. Caruana Gardens, Bir Miftuħ, San Mark, iż-Żebbuġa, San Pawl, il-Fidwa, il-Kbira sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza, Santa Marija, l-Annunzjata u R. Caruana.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ottubru, 2008

POLICE NOTICE

No. 113

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

On Friday, 24th October 2008 at 8.30 p.m. through the following streets: W. Baker, il-Kappillan, il-Lunzjata, R. Caruana, San Ċiro, il-Mina, il-Kbira to Band Club.

On Saturday, 25th October 2008 at 8.30 p.m. through the following streets: G. Cassar, San Mark, il-Kbira, W. Baker to Band Club.

On Sunday, 26th October 2008 from Safi end to Band Club.

On Sunday, 26th October 2008 at 10.30 a.m. through the following streets: San Ċiro, Bettina, J. Pace, Santa Katerina, R. Caruana, W. Baker, R. Caruana Gardens, Bir Miftuħ, San Mark, iż-Żebbuġa, San Pawl, il-Fidwa, il-Kbira to Band Club.

On Sunday, 26th October 2008 at 7.00 p.m. through the following streets: Square, Santa Marija, l-Annunzjata and R. Caruana.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th October, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se tagħmel taħriġ attiv ZPU-4 fir-*Ranges* ta' Pembroke fis-6 ta' Novembru 2008 (is-7 ta' Novembru 2008 tkun riserva f'każ ta' kanċellazzjoni) bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu tmien (8) mili 'l bogħod mix-Xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Waqt l-isparar se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* ikkonċernati.

Is-16 ta'Ottubru, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be holding a ZPU-4 live firing shoot at Pembroke Ranges on the 6th November 2008 (7th November 2008 being reserved in case of cancellation) between 9.00 a.m. and 3.00 p.m.

All vessels are to keep eight (8) miles off Pembroke Coast during the above dates and times.

Red flags are flown from the limits of the ranges concerned.

16th October, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mir-*Ranges* ta' Pembroke matul ix-xahar ta' Novembru 2008 fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Mit-Tnejn, it-3 ta' Novembru sal-Erbgħa, il-5 ta' Novembru, 2008 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Novembru, 2008 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, l-10 ta' Novembru sal-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2008 mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Mit-Tnejn, is-17 ta' Novembru sal-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2008 mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Mit-Tnejn, l-24 ta' Novembru sal-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru, 2008 mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mix-Xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor jittellgħu mil-limiti tar-*ranges* konċernati.

Is-16 ta' Ottubru, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges during the month of November 2008 on the following dates and times:

From Monday, 3rd November to Wednesday, 5th November, 2008 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

On Saturday, 8th November, 2008 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

From Monday, 10th November to Friday, 14th November, 2008 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m.

From Monday, 17th November to Friday, 21st November, 2008 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m.

From Monday, 24th November to Friday, 28th November, 2008 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke Coast during the above dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

16th October, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultati tal-Intervista għall-Postijiet/Pożizzjonijiet fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa)

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet/pożizzjonijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet/pożizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

Deffien
Basic Specialist Trainee fid-Dipartiment tal-Pedjatrija
Radiographer (Diagnostic) fl-*Ultrasound Unit*
Specialist Midwife (Infant Feeding)

Is-16 ta' Ottubru, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Results of Interview for Posts/Positions in the Ministry for Social Policy (Health)

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the undermentioned posts/positions may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts/positions are the following:

Gravedigger
Basic Specialist Trainee in the Department of Paediatrics
Radiographer (Diagnostic) in the Ultrasound Unit
Specialist Midwife (Infant Feeding)

16th October, 2008

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*